*Valutazzjoni ekwitattiva – dubbju favur it-'tax payer'*

# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Gimgha, 14 ta' Lulju, 2017

**Numru 6**

**Rikors Numru 821/07TA**

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali pprezentata taht l-Artiklu 466 tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili fl-ismijiet:-**

**Kontrollur tad-Dwana**

**vs**

**Master Electric Company Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti prezentat fit-30 ta' Lulju 2007 fejn ippremettiet u talbet is-segwenti:-

> "Illi l-esponenti qieghed jopponi t-talba ghall-hlas tal-Kontrollur tad-Dwana stante illi l-ammont reklamat ta' tlettax il-elf seba mija sitta u hamsin Lira Maltin (Lm13,756) in konnessjoni ma' anti-dumping duty u Vat fuq compact energy saving lamps mhiex dovuta u ghalhekk ghandha tigi michuda t-talba tal-istess Kontrollur tad-Dwana.
>
> Illi dan ir-rikors qieghed jigi pprezentat taht l-artiklu 466 subartiklu (2) tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili.

> Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett jitlob illi din it-talba ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra l-istess Kontrollur tad-Dwana."

Rat ir-risposta tal-intimat Kontrollur tad-Dwana prezentata fis-6 ta' Dicembru 2007 li permezz taghha wiegeb is-segwenti:-

> "Illi l-ittra ufficjali ai termini tal-artiklu 466 tal-Kap 12 ipprezentata fit-12 ta' Lulju 2007 fl-ismijiet premessi hija gusta u ghandha tkun konfermata fl-effetti ezekuttivi taghha.
>
> Illi l-ammont mitlub mill-esponent hu dovut fl-intier tieghu stante li saret dikjarazzjoni skorretta fir-rigward tal-merkanzija in kwistjoni.
>
> Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kontrih."

Rat l-avviz tat-23 ta' Frar 2017 dwar l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imhallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li bis-sahha tieghu l-kawza odjerna giet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kienet diga` imhollija ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza fost ohrajn id-dokumenti esebiti u x-xhieda moghtija mill-kontendenti;

Rat il-verbal tad-29 ta' Marzu, 2017 fejn il-Qorti halliet ir-rikors ghad-decizjoni ghas-7 ta' Lulju, 2017 ;

Rat in-nota tas-socjeta` rikorrenti tal-10 ta' April, 2017 fejn talbet li titratta r-rikors;

Rat id-digriet tal-4 ta' Mejju, 2017;

Semghet lill-abbli difensuri jitrattaw ir-rikors fl-udjenza tas-7 ta' Lulju, 2017;

Rat li r-rikors thalla ghas-sentenza ghallum 14 ta' Lulju, 2017.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

**1.** Din hija azzjoni ai termini tal-artikolu 466(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li bis-sahha taghha, is-socjeta' rikorrenti qeghdha tipprova tattakka l-istejjem ta' taxxa u impost fiskali mahruga mill-intimat fuq importazzjoni ta' aggeggi ta' dwal u cioe` *compact energy saving lamps*. Apparti l-Vat, l-intimat qieghed jitlob ukoll taxxa ta' *anti-dumping* li b'kollox jammontaw ghal tlettax-il elf sebgha mija u sitta u hamsin liri antiki (Lm13,756).

**2.** Is-socjeta` rikorrenti ssejjes l-argumenti taghha fuq il-fatt li l-oggetti inkwistjoni kienu importati mill-Malasia. Emanuel Micallef, Direttur tas-socjeta` rikorrenti jixhed:- "Mill-Malaysia ovvjament id-*duty*, il-Malaysia kien wiehed mill-pajjizi li ma taqax taht l-*anti-dumping duty"* (a fol 89). Ikompli jixhed dan li gej:- "… … Ghedtlu isma' jiena jekk ha taghtini xi haga li mhux mill-Malaysia ghedtlu ma rridhiex, u rridhom mill-Malaysia. Qalli m'ghandux problema." (a fol 89). Jispjega ukoll li l-importatur jismu Nine Stars Worldwide (M) SDN BHD.

**3.** Bhala prova tal-importazzjoni l-istess socjeta` rikorrenti pprezentat erbgha dokumenti li jinsabu minn fol 78 sa fol 85 tal-process. L-intimat b'ebda mod ma kkontesta li jekk din il-merkanzija kienet torigina, igifieri

manifatturata fil-Malasia, ma kien hemm dovut ebda taxxa ta' *anti-dumping*.

**4.** F'dawn id-dokumenti tidher dikjarazzjoni tal-Kamra tal-Kummerc tal-Malasia fejn qed tiddikjara:- "*It is hereby certified that to the best of our Knowledge and belief, the declaration by the exporter is correct*". Ir-referenza hija ghall-kumpanija fuq imsemmija cioe` Nine Stars Worldwide (M) SDN BHD.

**5.** Wara li inbaghtet lis-socjeta' rikorrenti l-ittra tal-4 ta' Mejju 2006 (a fol 77) fejn l-intimat talabha thallas l-ammont mertu tar-rikors, xorta wahda baqghu ghaddejjin l-investigazzjonijiet kwantu jirrigwarda c-certifikazzjoni fuq imsemmija. Ix-xhud Salvu Grima fix-xhieda tieghu fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2009 (a fol 153 sa 162 ) spjega kif fil-kuntatti li kellu mal-Kamra tal-Kummerc tal-Malasia d-dokumenti fuq imsemmija ma kienux awtentici. Fl-ittri tal-Kamra tal-Kummerc Malasjana (Dok SG8 u SG10 a fol 149 u 151) dawn kjarament jiddikjaraw is-segwenti "… ... we would like to confirm that the document was not authentic and issued by our good office." Dawn l-ittri jgibu rispettivament id-dati tal-25 ta' Jannar 2007 u 6 ta' Marzu 2007. L-ittra ufficjali li qed tkun attakkata b'dawn il-proceduri ghandha d-data tat-12 ta' Lulju 2007.

**6.** Dan qieghed jinghad fid-dawl tal-fatt, li meta intalab l-ammont fl-ittra tal-4 ta' Mejju 2006 l-investigazzjonijiet fuq imsemmija kienu ghadhom ma sarux. L-ittra ufficjali pero`, inbghatet wara li saru dawn l-

investigazzjonijiet. Li kieku kien mod iehor, kien ikun hemm argumenti ohra ghaliex ghandu jew ma ghandux jithallas l-ammont mertu ta' dan ir-rikors.

**7.** Is-socjeta' rikorrenti bhal donnha qeghdha targumenta li ma ghandhiex twiegeb ghal dak li seta' ghamel l-esportatur mill-Malaysia u cioe' l-azjenda Nine Stars Worldwide (M) SDN BHD. Di fatti fis-seduta tal-4 ta' Frar 2009 qabel ma kienu ghadhom gew prodotti d-dokumenti tal-Kamra tal-Kummerc Malasjana fuq imsemmija, Emanuel Micallef xehed hekk dwar x'qal lill-esportatur:- "Jiena li ghedtlu jiena d-dokumenti kollha originali li ha tibghatli minn fejn ikunu, qalli nibghathomlok kollha mill-Malasja u jiena fuq id-dokumenti hadtha *for granted* illi dawn id-dokumenti li ha jaghtini huma originali mill-Malasja … …" (a` fol 99).

**8.** Jista' jkun li s-socjeta` rikorrenti fdat lilll-esportatur barrani, izda galadarba irrizulta li d-dokumenti principali ma humiex awtentici, a differenza li ma kienux awtentikati mill-Kamra tal-Kummerc Malasjana u di piu' lanqas hargu mill-imsemmija Kamra, is-socjeta' rikorrenti ghandha problema. Ma jistax jinghata affidament lil dawn id-dokument ai fini tal-pretensjoni tas-socjeta` rikorrenti. Kwalunkwe problema li ghandha mal-esportatur barrani, ma tinfluwixxi xejn fuq il-mertu tal-kawza. Jekk is-socjeta` rikorrenti riedet li jkollha dokumenti awtentici biex tkun tista' tuzahom ai fini ta' ezenzjoni mill-hlas ta' taxxa jew dazju, kien ikun ahjar li ghamlet l-accertamenti taghha minn qabel. Kieku kulhadd kellu

jargumenta, li ma kienx tort tieghu izda tal-esportatur, li d-dokumenti ma kienux in regola, kieku tkun l-aktar difiza facli, biex dak li jkun jahrab il-hlas tat-taxxi u dazju.

**9.** Indipendentement minn dan kollu, il-Qorti fehmet, li biex dak li jkun jigi ezentat minn dan mill-hlas partikulari tal-*anti-dumping duty*, ma hux bizzejjed li l-merkanzija tkun giet spaccjata mill-Malasia. Riedet tkun ukoll manifatturata f'dan il-pajjiz. Fid-dokumenti fuq imsemmija certu Patrick Chin jaghmel is-segwenti dikjarazzjoni:- "The undersigned hereby declares that the above details and statements are correct and all the goods were produced in Malasia". Il-Qorti ma tistax tistrieh fuq din id-dikjarazzjoni ghax din *a sua volta* tistrieh fuq id-dikjarazzjoni tal-Kamra tal-Kummerc Malasjana, li kif inghad aktar 'l fuq, din iddikjarat lil dawn ic-certifikati ma humiex awtentici! Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tkun konvinta li din il-merkanzija giet manifatturata fil-Malasia ai fini tal-ezenzjoni fuq imsemmija.

**10.** Izda indipendentement minn kollox, jirrizulta li kien hemm xi merkanzija li setghet tkun ezentata mill-hlas tad-*duty* inkwistjoni. Il-Qorti ma tistax ma tinnotax, il-mod kultant mghaggel, ta' kif l-intimat jitfa' kollox fl-istess keffa fiskali u johrog stima fuq kollox minghajr ma jaghmel distinzjoni bejn prodotti li huma hekk ezentati u ohrajn ma humiex. Emmanuel Micallef, ghan-nom tas-socjeta` rikorrenti, jixhed hekk: "Barra minn hekk li nixtieq inzid ukoll illi fuq il-kalkoli li kien hemm, tad-Dwana, li

baghtuli fejn irrid inhallas skond din l-ittra, dawn sahansitra talbu *anti-dumping duty* fuq prodotti, ghax ix-xoghol ma kienx kollu *energy saving lamps* li jaqa' taht *antidumping duty*. Sahansitra anke talbuna l-*anti-dumping duty* fuq prodotti li ma kinux jaqghu taht l-*anti-dumping*." (a fol 93).

**11.** Aktar tard, Philip Grech, ufficjal tad-Dipartiment rinfaccjat b'din l-asserzjoni ta' Emmanuel Micallef jixhed hekk:- "Kont kellimt lil dak iz-zmien, lanqas naf kienx assistent Kontrollur jew Kontrollur, Mr. Paul Scerri. Qalli la ma takx *invoice* qalli ahdimlu fuq l-ammont li ddikjara, la ma tistax tisseparhom, jiena kull meta mort fuq ix-xoghol hekk generalment kull min jimporta jkollu x-xoghol imhallat, isseparajt dawk li, dejjem isseparajthom, dan il-kaz ma stajtx nissepara" (a fol 120). F'passagg iehor tax-xhieda tieghu jghid:- "fejn stajt niddistingwi, iddistengwejthom, fejn ma stajtx il-parir tas-Sur Paul Scerri kien, ahdem daqs li kieku kienu CFL."

**12.** Il-Qorti thoss li fejn si tratta ta' imposizzjoni ta' taxxi u dazji, l-affarijiet jistghu jsiru mod iehor. Id-Dipartiment ma kellu xejn x'jitlef kieku ta avviz lis-socjeta` rikorrenti fis-sens, li minhabba li ma setghetx issir distinzjoni kien qed isejhilha biex isir l-esercizzju necessarju, fin-nuqqas issir stima fuq il-prodotti kollha minghajr distinzjoni. Ghalhekk sa fejn jirriwarda dan l-argument tas-socjeta' rikorrenti, jidher li ghandha parti ragun. Izda din il-Qorti, fid-dawl ta' certu konfuzjoni mill-kontendenti dwar

provi fuq dan l-aspett, tista' biss tasal bl-applikazzjoni tal-principju tal-valutazzjoni ekwittativa.

**13.** F'dan ir-rigward issir referenza ghal dak li intqal fis-**Sentenza tal-Prim Awla fl-ismijiet Mark Schembri & Associates Limited vs Tarkett Holding gmbH et per Imhallef Jacqeuline Padovani Grima tal-25 ta' Frar 2015**:-

> "Ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-gudikant anke fis-sistema tal-ligi taghna l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligh bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. Ara a propozitu decizjoni a Vol. XXXV P III p 615 fejn gie proprju rikonoxxut, fuq l-istregwa ta' dak espress mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni, illi "vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e` rimesso al magistrato il valutare 'ex aequo et bono' secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l' ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato".

**14.** Din il-Qorti jidhrilha li fil-kamp fiskali, fl-eventwalita` ta' diffikulta` li jkun stabbilit il-**quantum** ta' taxxi, dazji u imposti, id-dubbju dejjem ghandu jmur favur l-individwu u cioe` t-*tax payer* u mhux l-Istat u dan sakemm l-individwu ma jkunx agixxa bi frodi jew hazen jew immanipula l-fatti bl-iskop li johloq dan id-dubbju. Il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi s-socjeta` rikorrenti ma kienet taqa' taht ebda wahda minn dawn il-kategoriji. Ghalhekk f'dan ir-rigward biss, din il-Qorti ser tapplika l-principju tal-valutazzjoni ekwittativa.

**15.** Il-Qorti ghalhekk, *ex equo et bono* ser tirriduci l-ammont mitlub mill-Konvenut Kontrollur tad-Dwana ghal ghaxart elef liri antiki (Lm10,000)

ekwivalenti ghal tlieta u ghoxrin elf mitejn u tlieta u disghin ewro (€23,293).

**Decide**

Il-Qorti qeghdha ghar-ragunijiet suesposti taqta' u tiddeciedi dan ir-rikors bil-mod segwenti:

**Tilqa'** t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti in parte u tikkonferma l-effetti ezekuttivi tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Lulju 2007 (a` fol 14) sal-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf mitejn u tlieta u disghin ewro (€23,293) bl-imghaxijiet legali b'effett millum sal-pagament effettiv.

**Spejjez** tar-rikors nofs bin-nofs fejn il-partijiet.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**